32000R1566

L 180/17 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 19.7.2000

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1566/2000

## tat-18 ta'Lulju 2000

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 94/92 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITA' EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta'Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel ([1]), l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1437/2000 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jistipula li prodotti importati minn pajjiż terz jistgħu jinbigħu biss jekk ġejjin minn pajjiż terz li jidher fuq lista miktuba skond il-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu. Dik il-lista hi fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 94/92 ([3]), l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 548/2000 ([4]).

(2) L-awtoritajiet Awstraljani talbu li l-Kummissjoni tinkludi korp ta' ċertifikazzjoni u ispezzjoni ġdida skond ir-Regolament (KEE) Nru 94/92.

(3) L-awtoritajiet Awstraljani taw lill-Kummissjoni l-garanziji u l-informazzjoni kollha neċessarja biex tiżgura li l-korp ta' ispezzjoni u ċertifikazzjoni ġdid jilħaq il-kriterji stipulati minn l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 94/92 jiġi emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ is-seba' jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 161, ta' l-1.7.2000, p. 62.
([3]) ĠU L 11, tas-17.1.1992, p. 14.
([4]) ĠU L 67, tal-15.3.2000, p. 12.

*L-ANNESS*

L-ANNESSPunt 3 tat-test li jirreferi għall-Awstralja jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Korpi ta' ispezzjoni:

— Servizz Awstraljan tal-Kwarantina u ta' l-Ispezzjoni (AQIS) (Dipartiment ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u ta' l-Imsaġar)

— Istitut tar-Riċerka Bio-dinamika (BDRI)

— Bdiewa Bijoloġiċi ta' l-Awstralja (BFA)

— Kultivaturi tad-Dwieli Organiċi ta' l-Awstralja Ink. (OVAA)

— Kultivaturi ta' Ħwawar Organiċi ta' l-Awstralja Ink. (OHGA)

— Katina Alimentari Organika Pty Ltd. (OFC)

— Għaqda Nazzjonali ta'l-Agrikoltura Sostenibbli, Awstralja (NASAA)"